**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Id-disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23/2025

**Laqgħa Numru 23**

21 ta' Ottubru, 2025

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, Tlieta, 21 ta' Ottubru 2025 fl-5:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | - Sindku |
| Martin Vella | - Kunsillier |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |
| Glauber Spiteri | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Noyah Spiteri Hammett - Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 23 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **23.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **23.01.01** | NIL |
| **23.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 23.02.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-minuti tas-seduta numru 22/2025 għad-disa' leġislatura permezz ta' email lis-Sindku, Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha.<br><br>1. Approvazzjoni tal-Minuti<br><br>Il-Kunsilliera Rita Gatt approvat l-minuti tas-seduta numru 22/2025, u l-Kunsillier Glauber Spiteri issekonda.<br><br>2. Emenda fil-Minuti<br><br>Fil-punt 22.04.04, fejn il-Kunsillier Glauber Spiteri kien qajjem il-punt li nerġgħu mmorru lura għad-diskussjoni relatata, ġiet magħmula l-emenda skont kif ġie spjegat mis-Segretarju Eżekuttiv. |
| **23.03** | **Korrispondenza** |
| 23.03.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hemm bżonn jinxtraw żewġ laptops — wieħed għal Assistant Principal u ieħor għall-ħaddiema li ser tibda nhar it-3 ta' Novembru 2025. – Il-kunsilliera qablu li jinxtraw. |
| **23.04** | **Kommunikazzjoni mis-sindku** |
| 23.04.01 | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-vakanza għall-kariga ta' Clerk Skala 15 ġiet mimlija, u l-persuna magħżula ser tkun qed tibda d-dmirijiet tagħha nhar it-Tnejn, 3 ta' Novembru 2025. |

| | |
|---|---|
| 23.04.02 | Is-Sindku informa lill-Kunsill li kumpanija tad-dawl mit-Tuneżija esprimiet ix-xewqa li toffri sponsorship lill-Kunsill Lokali ta' Bormla, bħala parti mill-pjan tagħha li tibda topera f'Malta.<br><br>Waħda mill-ideat diskussi kienet li tinħoloq installazzjoni tad-dawl bil-kelma "BORMLA", li tidher bil-jum u tixgħel bil-lejl. Il-kumpanija qalet ukoll li hija lesta tipprovdi dwal addizzjonali biex jintużaw fiż-żoni differenti ta' Bormla.<br><br>Il-Kunsilliera qablu mal-istil tal-kitba u mal-lokalità fejn għandha titpoġġa l-installazzjoni. |
| 23.04.03 | Is-Sindku informa li kellu diskussjoni mal-perit dwar il-possibbiltà li jsir restawr tal-arkati f'Triq ir-Regatta.<br><br>Kif ukoll wara id-diskussjoni li saret mal-Regjun Port, ġie mfakkar li sena d-dieħla ser tkun is-sena tar-Regjun Kulturali. F'dan il-kuntest, ġie propost proġett ta' pitturi li ser jigu mpittra direttament fuq l-arkati, u li dawn il-pitturi jkunu jirrappreżentaw l-istorja ta' Bormla. |
| 23.04.04 | Kif kienet mibgħuta l-email għall-approvazzjoni mill-kunsilliera sabiex jibda l-armar xahar qabel il-festa, wara diskussjoni magħhom, il-kunsilliera qablu li l-armar jibda nhar il-20 ta' Novembru, peress li ammettew li x-xahar qabel ikun kmieni wisq. |
| 23.04.04 | Is-Sindku fakkar lill-kunsilliera li l-firma tal-delegazzjoni ma' Civitavecchia se ssir fis-1 ta' Novembru. Barra minn hekk, talab l-approvazzjoni mill-kunsilliera biex jinkera van sabiex ikun possibbli li ndawru l-membri tal-delegazzjoni. Il-kunsill qabel l-approvazzjoni għall-kiri tal-van. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 23.04.05 | Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li l-kuntratt għall-fotografija u l-vidjografija ser jiskadi nhar it-13 ta’ Novembru. Il-Kunsill għandu jikkunsidra jekk jagħmlu rinnovu jew jikkuntattjaw persuni oħra.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li jiġġedded il-kuntratt tal-vidjografija u li jesploraw il-possibbiltà li nistennew biex nġeddu l-kuntratt tal-fotografija, sabiex naraw kif ikunu r-ritratti wara d-delegazzjoni ma’ Civitavecchia. |
| 23.04.06 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera dwar email li ntbagħtet lilhom rigward l-EMPOWER Professional Development Sponsorship Programme.<br>Min hu interessat li japplika għandu jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tibatilhom l-applikazzjoni. |
| 23.04.07 | Is-Sindku infurma lill-kunsilliera li ser inkunu qiegħdin nordnaw tabella li tindika l-ħinijiet tal-ftuħ u l-għeluq tal-Kunsill. |
| 23.04.08 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera li ġiet imneħħija roadhump fuq Triq Oratorju, peress li meta karozzi kienu jgħaddu minnu, kien joħloq ħafna storbju u ma kienx jħalli n-nies jorqdu. |
| 23.04.09 | Is-Sindku spjega li qiegħed jaħdem fuq Jum Bormla u li, bħal soltu, ser issir wirja ta’ arti mit-12 sa l-19 ta’ Novembru ġewwa AUM.<br><br>Is-sindku jixtieq li jsiru ġimgħa ta’ attivitajiet b’diversi inizjattivi:<br><br>1. Tournament tal-Boċċi – ser jorganizzah il-kunsillier Martin Vella.<br>2. Il-kunsillier Glauber Spiteri staqsa jekk possibbli li jorganizza xi ħaġa f’dekasteru tiegħu; is-Sindku wieġeb biex jgħaddilu xi informazzjoni. |

*2A, ‘The Rest’, St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | 3. Talk mal-Anzjani u Preżentazzjoni ta' Storja tal-Passat – ser isir fl-18 ta' Novembru ma' klassi mil-iskola sekondarja ġewwa ċentru tal-anzjani ġo Bormla.<br>4. Quddiesa u Serata – 19 ta' Novembru fis-6pm, ser ikollna l-quddiesa f'Bormla u mbagħad ser nimxu għas-serata tal-Jum Bormla quddiem il-monument tal-gwerra.<br>5. Ser jkun hemm applikazzjonijiet biex jivvutaw mil-pubbliku lil min jaħsbu li ser jinghata ġieh bormla.<br>6. Minbarra r-rikonoxximenti, se jingħataw żewġ unuri |
| 23.04.10 | Is-Sindku xtaq jiddiskuti l-proċedura attwali tal-permessi f'Bormla, fejn illum il-permessi jinħarġu biss mid-9:30 am sal-12:30 pm biex ma jinħoloqx inkonvenjent fiż-żona ta' l-iskejjel u ma jinżammx traffiku.<br><br>Is-Sindku propona li tiġi diskussa l-possibbiltà li l-permessi jinħarġu mis-2:30 pm sa 7:00 pm, sabiex dawk li għandhom xogħol u impenji jkunu jistgħu jħallu u jlestu x-xogħol tagħhom aktar faċilment.<br><br>Il-kunsilliera qablu li:<br><br>Tiġi ppreparata mappa ta' Bormla sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jsibu l-postijiet aktar faċilment u l-permessi jinħargu iktar faċli.<br><br>Għalissa, il-permessi jinħarġu mis-2:30 pm 'il quddiem fil-viċinanzi ta l-iskola St Francis.<br><br>Il-kunsill ser jerġa' jiltaqa' biex jippjana u jiċċara l-mappa sabiex ikollha indikazzjonijiet iktar ċari u faċli għall-użu li jkunu skont id-direttivi ta' Transport Malta. |

| | |
|---|---|
| 23.04.11 | Is-seduta ġiet mwaqfa għal ftit ħin sakemm saret diskussjoni mal-kuntratturi li ser jieħdu ħsieb it-twaqqiħ ta' Bormla Home.<br><br>Wara diskussjoni fuq l-idea u l-pjanti ta' kif ser tidher il-proprjetà minn barra, il-kunsilliera qablu li jsir devoluzzjoni tal-parkegg quddiem il-Home sabiex mbagħad jingħata lil Bormla Home. |
| 23.04.12 | Is-Sindku talab li jiġu installati kameras qabel titħol u kif toħrog mill-mina ta' Għajn Dwieli. Dan ġie propost minħabba l-proġett li ser jsir, u l-installazzjoni tal-kameras se tippermetti li kwalunkwe ħsara jew atti ta' vandalizmu jiġu osservati.<br>Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-proposta. |
| 23.04.13 | Is-Sindku stieden il-kunsillier Glauber Spiteri biex jagħti informazzjoni rigward il-pjan tal-Milied, partikolarment f'każ li dak li kien pjanat (Plan A) ma jsirx kif suppost.<br><br>Wara li ġew allokati l-fondi, ġie pjanat Plan B. Il-pjan jinkludi:<br>• Stalls armati<br>• Zona armata bil-fairy lights<br>• Pjazza 25 ta' Ġunju b'palk u entertainment<br>• Attivitajiet għal tfal (kids area)<br>• Father Christmas bil-karozzin<br>• Photo booth u ritratt mal-Father Christmas<br>• Kantanti u elementi mużikali inkluż banda<br>• Nitkellmu ma tal-arcipriet biex jkun hemm l-knisja miftuħa. |

| | |
|---|---|
| | • Presepju ħaj jew purċissjoni tal-Bambin<br>• Data proposta 21 ta' Dicembru jibda min xi 4pm.<br>• Forsi niġbru xi kwotazzjonijiet għal siġra tal-milied<br><br>Il-kunsilliera preżenti qablu. |
| 23.04.14 | Wasteserve qed tħeġġeġ lil-entatijiet pubblici biex jiehdu sehem fl-european week for waste reduction.<br>Data tal-Avveniment: 22–30 Novembru 2025<br><br>Data tal-Għeluq tar-Reġistrazzjoni: 9 Novembru 2025<br>Tema: WEEE – Waste Electrical and Electronic Equipment (e-waste)<br>Fokus: Tnaqqis, tiswija, u ri-użu ta' tagħmir elettriku u elettroniku qabel ma jsir skart.<br>Parteċipazzjoni: L-attivitajiet kollha li jsegwu l-prinċipji ta' reduce / reuse / recycle huma mistiedna.<br><br>L-kunsilliera ser jaħsbu fuqa u jekk ikollhom xi inizjativa ser jitkelmu mas-segretarju eżżekutiv. |
| 23.04.15 | General Ironmongery qiegħed jitlob loading/unloading quddiem il-ħanut tiegħu. Il-kunsilliera ma qablux. |
| 23.04.16 | Sur Jesmond Ellul ċempel il-Kunsill dwar problema li qed jiltaqa' magħha fejn jgħix, Blk 4A, San Ġwann t'Għuxa, Bormla.<br><br>Is-Sur Ellul għandu ommu anzjana li tuża wheelchair, u bħalissa qed jipparkjawlu direttament quddiem il-blokka tal-appartament, li qed joħloq inkonvenjent u jiffaċilita diffikultajiet fil-moviment u aċċess għad-dar. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sur qed jitlob li tittieħed in konsiderazzjoni installazzjoni ta' rampa li tiffaċilita lil residenti biex jitilgħu u jipparkjaw quddiem ir-residenza tiegħu.<br><br>Il-kunsilliera qablu li jintbatulhom il-pjanti ta San Ġwann Tgħuxa u ninfurmaw lis-sinjur rigward il-proġġett li hemm. |
| 23.04.17 | MaltaPost qed tippjana li tespandi s-servizz ta' Easipik Parcel Locker f'diversi postijiet biex tissodisfa aħjar il-bżonnijiet tal-pubbliku ġenerali.<br><br>Waħda mill-lokazzjonijiet identifikati hija Cospicua.<br><br>Biex is-servizz ikun disponibbli għall-komunità ta' Cospicua, MaltaPost qed titlob kooperazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Cospicua biex jiġu identifikati siti xierqa fejn jistgħu jiġu installati l-parcel lockers.<br><br>Il-post magħżul għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku 24/7 u kopert b'CCTV għall-iskopijiet ta' sigurtà.<br><br>Daqsijiet ta' kull Parcel Locker Unit:<br>Għoli: 2030mm<br>Tul: 1011mm<br>Profondità: 624mm<br><br>Il-kunsilliera ser jikkunsidraw u jidentifikaw siti possibbli f'Bormla għall-installazzjoni tal-parcel lockers u jikkumunika mal-MaltaPost. |
| 23.04.18 | Sur Bilocca bagħat email biex jissuggerixxi li jkun hemm parkeġġ esklussivament għall-residenti ta' Triq il-Mithna u Triq S. Inglott, kif indikat fl-email. Minħabba li bħal f'ċerti partijiet tal-Birgu u l-Imdina diġà hemm parkeġġi esklussivi għal residenti, ikun ta' bżonn ukoll għal residenti ta' |

| | |
|---|---|
| | Bormla. Ġie osservat li waqt xi avvenimenti bħal Birgufest, attivitajiet tal-Għid u logħob sportiv, il-parkeġġ jimtela kompletament. Anke f'ġranet normali bħal it-Tnejn filgħaxija, hemm ħafna karozzi pparkjati minħabba l-monti, u dan joħloq xi ftit ta' skumdita għal residenti. Il-kunsilliera ma qablux ma' din il-proposta biex il-parkeġġ ikun esklussivament għal residenti, iżda qablu li min fejn hemm Santa Liena li sal- ferry terminal jista' jkun parkeġġ għal residenti (residential parking). |
| 23.04.19 | Is-Sur Redeemer Galea resaq lejn il-Kunsill bil-proposta li jibda joffri workshops għat-tfal bejn il-5 u t-8 snin, bil-għan li jipprovdi attivitajiet edukattivi u motivazzjonali sabiex it-tfal jitgħallmu joħorġu minn qoxorthom u jemmnu fihom infushom.<br><br>Il-korsijiet ikunu mqassma fuq 8 ġimgħat, darba fil-ġimgħa, bi ħlas ta' €60 għal kull parteċipant.<br><br>Il-kunsilliera semmew li minħabba l-età limitata tal-parteċipanti, mhux ċert jekk ikunx hemm turnout kbir.<br><br>Il-kunsilliera qablu li jixxerjaw u jippromovu l-inizjattiva biex jaraw x'kien ikun it-turnout. Il-Kunsillier Glauber Spiteri ħareġ bil-proposta li jkun hemm kollaborazzjoni bejn il-Kunsilli ta' Bormla, Birgu, Isla u Kalkara, sabiex dawn il-lezzjonijiet isiru darba f'kull lokalità, b'għan li jintlaħaq aktar numru ta' tfal u jiġi promoss aktar il-proġett. |
| **23.05** | **Twegibiet ghall-mistoqsiiet mil- kunsilliera** |
| 23.05.01 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa jekk hux possibbli li tinda li tinsab fi Triq Santa Tereza tinbidel.<br>Is-Sindku qabel u informa li ser tintbagħat ittra mill-ġdid lis-sid kif ukoll huwa stess ser jitkellem miegħu dwar il-kwistjoni. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 23.05.02 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri semma li hemm residenti fi Triq Xandru li esprimew ix-xewqa li jitħawlu xi pjanti f'dik iż-żona u jieħdu ħsiebhom huma stess.<br><br>Is-Sindku wieġeb li, għalissa l-proposta se tibqa' pendenti, minħabba li hemm persuna oħra li diġà għandha pjan biex isebbħ dik iż-żona. |
| 23.05.03 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa meta ser jitnaddfu u jinalqu s-shelters li jinsabu ħdejn il-BCRS.<br>Is-Sindku wieġeb li ser jinxtraw il-bricks meħtieġa sabiex ikun jista' jsir it-tiswija u l-għeluq tas-shelters kif suppost. |
| 23.05.04 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa meta ser jitwaħħlu t-tabelli relatati mal-ħamiem.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li hekk kif tiġi approvata l-bye-law it-tabelli jkunu jistgħu jitwaħħlu. |
| **2305** | **Approvazzjoni ta'skedi ta' hlasijiet** |
| 23.05.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet email bl-iskeda numru 10 għad-9 leġislatura u l-petty cash ta' Awissu 2025.<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri approva l-iskeda numru 10 għad-9 leġislatura, waqt li l-Kunsillier Martin Vella issekonda.<br><br>Kif ukoll, l-kunsilliera Rita Gatt approvat l-petty cash ta' Settembru, waqt li l-kunsillier Glauber Spiteri issekonda. |
| **23.06** | **Mozzjonijiet** |
| 23.06.01 | Nixtieq inressaq din il-mozzjoni sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jitwaqqaf blue parking bay fiż-żona ta'l-parking quddiem l-iskola, li tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali li jħaddan Blue Badge għall-persuni b'diżabilità.<br><br>Din iż-żona bħalissa hija densament popolata u l-postijiet ta' parkeġġ huma limitati ħafna, fatt li jaffettwa b'mod partikolari lil dawk li għandhom bżonn aċċess aktar qrib servizzi jew toroq prinċipali. Blue Parking Bay f'dan il-post jgħin biex: |

| | |
|---|---|
| | jitjieb l-aċċess għal persuni b'diżabilità;<br><br>Grazzi<br>Glauber Spiteri<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella semma li jaħseb li diġà hemm blue parking bay miftuħa. Wara diskussjoni, il-kunsilliera qablu li jiċċekkjaw is-sit sabiex jivverifikaw jekk il-parkeġġ diġà jeżistix.<br><br>Proponent : Glauber Spiteri<br>Sekondant: Martin Vella |
| **23.07** | **Rapporti** |
| 23.07.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet il-Financial Indicator tat-Tielet Kwart (Q3) permezz ta' email lill-kunsilliera qabel is-seduta.<br><br>Waqt il-laqgħa, hija infurmat li s'issa l-Kunsill jinsab b'surplus ta' 28%.<br><br>Il-kunsilliera approvaw ir-rapport finanzjarju Q3 kif ippreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv. |
| **23.08** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 23.08.01 | Is-Seduta ġiet mtemmija fis-19:45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat Tlieta 25 ta' Novembru fil- 5:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ________________

______________ ______________________

**Marco Agius** **Crystal Degabriele**

Sindku Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*